**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar l-10 ta' Lulju 2024

Avviż Numru: 154/2023NHV

**Żrar Limited**
(C6245)

**vs.**

**Daniela Mifsud**
detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 123897M
f'isimha personali u f'isem
**DMA Limited**

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2023, li permezz tiegħu, is-soċjetà rikorrenti talbet il-ħlas mingħand l-intimata proprio et nomine tas-somma ta' għaxart'elef tmien mija sebgħa u sittin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€10,867.62) rappreżentanti bilanċ dovut mis-soċjetà intimata bħala ħlas għall-fornitura ta' materjal mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata kif indikat fl-istatement u l-fatturi annessi u mmarkati bħala Dokument A.

Intalbu wkoll l-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta' kull fattura sal-effettiv pagament;

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali innumerata 2745/2022.

Rat li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta proprio et nomine ġiet debitament notifikata bl-avviż, kif ukoll bl-avviż tas-smigħ bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; Rat illi minkejja li l-konvenuta proprio et nomine ġiet debitament notifikata, hija ma ppreżentat ebda risposta u lanqas qatt ma dehret fis-seduti miżmuma minn din il-Qorti.

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-**provi** kollha mressqa mis-soċjetà rikorrenti fosthom ix-xiehda ta' Tiziana Parnis, finance clerk impjegata tas-soċjetà rikorrenti[1] minn fejn irriżulta li s-soċjetà rikorrenti biegħet u kkonsenjat konkrit lis-soċjetà intimata u dina ħalliet disa' fatturi[2] mhux imħallsa. Il-bilanċ dovut jammonta għas-somma ta' għaxart'elef tmien mija sebgħa u sittin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€10,867.62). Ix-xhud esebiet ukoll credit application form[3] illi permezz tagħha Daniela Mifsud bħala direttriċi ta' DMA Limited daħlet responsabbli in solidum fid-dmirijiet tas-soċjetà.

Ix-xhud iddikjarat li qabel ma nfetħet din il-kawża hija kienet għamlet telefonati sabiex titlob il-ħlas, u anke bagħtet imejls ta' tfakkira. Kienet iċċempel in-numru li hemm fuq il-credit application, fejn kien iwieġeb xi ħadd bl-isem ta' Tomislav, li kien jitlob iktar żmien sabiex imur iħallas dak li kien dovut .

Il-Qorti tqis li t-talba mressqa mis-soċjetà rikorrenti ġiet sodisfaċentement ippruvata minnha u kwindi ser tkun milqugħa.

[1] Minnha mogħtija nhar is-26 ta' April 2024, fol 52 tal-proċess;
[2] Esebiti u mmarkati bħala TP2 sa TP10, fol. 60 et. seq. tal-proċess;
[3] Esebita u mmarkata bħala Dok. TP1, fol 56 tal-proċess;

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-intimata Daniela Mifsud in solidum ma' DMA Limited tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' għaxart'elef tmien mija sebgħa u sittin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€10,867.62) bl-imgħax legali dekorribbli mid-dati ta kull fattura, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a karigu tal-intimati in solidum.

**Iffirmata:** **Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur